# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 598/97

Anthony Cachia

vs

Korporazzjoni Enemalta

Illum 6 ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1992 u snin segwenti huwa sofra ingustizzja f'li il-promozzjoni illi kien intitolat ghaliha inghatat lilu tardivament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien jahdem mal-Korporazzjoni intimata bhala WTO. Minn April tas-sena 1992 huwa beda jaghmel xoghol fi grad superjuri minn tieghu (u cioe' xoghol ta' Technical Instructor Jointer) b'mod regolari. Nonostante dan il-fatt, ir-rikorrent ma

nghatax promozzjoni ghall-Technical Officer II (TO II) u kien biss f'Awissu tal-1995 illi huwa nghata din il-promozzjoni.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa ma nghatax il-promozzjoni ghall-TO II meta din kienet dovuta lilu, jew b'effett minn meta huwa kien jimmeritah, u cioe' b'effett minn April tal-1992.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi l-promozzjoni ghall-TO II tinghata lilu b'effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-promozzjoni u li jithallas l-arretrati u z-ziediet fil-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi l-ghoti ta' allowance isir biss f'cirkostanzi partikolari u dana kif stipulat fi provvedimenti relattivi tal-ftehim Kollettiv bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni Enemalta;

Illi hija policy tal-Korporazzjoni illi l-fatt li mpjegat ikun qieghed jaghmel xoghol ta' natura ghola mill-grad li jkollu ma jfissirx li awtomatikament dan ikun eligibbli ghal allowance;

Illi l-ammont u l-mod li bih jinghata allowance li hija fid-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta u din ezercitat din id-diskrezzjoni fl-ispirtu tal-Ftehim Kollettiv u tal-policy indikata hawn fuq.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li ilu jahdem mal-Korporazzjoni intimata bhala Works Technical Officer ghal aktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena.  Minn April tas-sena 1992 beda

jaghmel xoghol fi grad superjuri minn tieghu (u cioe''xoghol ta''Technical Instructor Jointers) b'mod regolari. Nonostante dan il-fatt, ma inghatajtx promozzjoni ghall-Technical Officer II (TOII) u kien biss f'Awissu tal-1995 illi nghata din il-promozzjoni.

Permezz tal-General Workers' Union kien ghamel bosta talbiet biex jinghata il-promozzjoni. Minhabba din l-ingustizzja sostna li sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi ma nghatax il-promozzjoni ghall-TOII meta din kienet dovuta lilu u ghaldaqstant ghamel tlett (3) snin bhala Instructor b'paga ta' WTO. Tilef tlett snin ta' increments u sahra.

F'Awissu ta' l-1998 il-Korporazzjoni intimata kienet accettat ir-responsabilita' ta' din l-ingustizzja li sofra izda l-kumpens offrut minnha ma kienx accettabli. Dan jirrizulta mill-anness dokument markat Dok E.

In kontro-ezami semma li fil-fatt qatt ma kien applika ghall-promozzjonijiet. Zied jghid "Hemmhekk trid tapplika pero` jiena kont gejt mibghut hemmhekk. L-ilment tieghi bazat fuq il-fatt li jiena kont intbaghatt naghmel xoghol li suppost dan ix-xoghol kellu allowances ghalih…. Fil-fatt l-Enemalta kienet offrietli s-somma ta` LM1000 pero` jiena ma kontx accettajt…" Esebixxa prospett [fol 14] li jindika d-differenza tal-paga li ha min dik li kien intitolat ghaliha li kieku ha l-promozzjoni u li tammonta ghal LM2492. Joseph Mangion Principal mal-Enemalta ikkonferma dan l-ammont.

Minn Dokument C a fol 13 jirrizulta li r-rikorrent kien qieghed regolarment jaghmel xoghol superjuri ghas-substantive grade tieghu.

Joe Mangion meta xehed dwar Alfred Tagliaferro u John Caruana msemmija fid-dokument esebit mir-rikorrent qal "Qieghed jigi suggerit lili mill-konsulent legali tar-rikorrent li fil-fatt haduha [l-promozzjoni] sentejn qabel u nghid li ma nahsibx pero` jista` jkun. Nipprometti li permezz ta` nota fi zmien 15-il gurnata nesebixxi d-data ta` meta fil-fatt saru huma. Ir-rikorrent kien sar Technical Instructor fl-1995 f` Awissu. Il-kariga ta` administrator hija aktar gholja." Izda din in-nota ma giet prezentata qatt.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal sejjer jikkwota minn dak li qal fis-sentenza fl-ismijiet "Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni " deciza fit-2 ta' Novembru, 2000:

"Izda r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt li bejn 1990 u 1996 ghamel xoghol ta' Supervisor u ma thallasx ghalih. Huwa car li persuna ghandha tithallas tax-xoghol li taghmel. Hi ghandha tithallas skond il-livell u d-diffikultajiet tax-xoghol partikolari li taghmel. Wiehed jistenna wkoll li talli ghal zmien limitat jekk persuna taghmel xoghol superjuri ma ghandix tippretendi xi kumpens ghalih. Izda meta dan idum seba' snin hu gustifikat li wiehed jaghmel xoghol superjuri ghal

grad tieghu u jibqa' minghajr promozzjoni u minghajr kumpens!

Dan it-Tribunal hu tal fehma li meta r-rikorrent ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghandu jigi kumpensat. Fil-kaz in ezami dan ghamlu ghal kwazi tlitt snin u nofs. Hu ghandu jkun kumpensat. Dan ma jfissirx li jiehu l-ammont kollu ta’ differenza specjalment jiddependi mill-kwalita’ tax-xoghol, responsabbilta’, u kemm idum jaghmlu. Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat u jilqa’ t-talba tar-rikorrent ghal kumpens u wara li qis ic-cirkostanzi kollha jiffissa dan fl-ammont ta’ elf u sitt mitt lira [LM1600].

Spejjez kontra l-intimati.